

Brussell, 28 ta' Frar 2019
(OR. en)

6623/19

SOC 107
EMPL 76
EDUC 77
ECOFIN 189

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2019 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza, bi tħejjija għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill EPSCO tal-15 ta' Marzu 2019.

"Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali – inizzjattiva għat-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali fl-UE kollha"

Semestru Ewropew 2019- Dibattitu ta' orjentazzjoni

Kunsill EPSCO, 15 ta' Marzu 2019

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat fis-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir f'Gothenburg tas-17 ta' Novembru 2017 jistabilixxi l-prinċipji għal Ewropa aktar soċjali għaċ-ċittadini tal-UE kollha. Huwa għandu l-għan li jsaħħaħ id-drittijiet soċjali billi jappoġġa swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb, għal terminu qasir u medju.

Minkejja l-irpiljar ekonomiku, jeħtieġu aktar sforzi għat-trawwim ta' tkabbir aktar sostenibbli u inklużiv, inkluż mod innovattivi għat-titjib tas-sistemi soċjali u għal spinta lill-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità fl-UE kollha. L-ispinta lill-ħiliet u l-produttività, it-tnaqqis tad-differenzi u l-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma l-qofol għall-kisba ta' dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, hemm ħtieġa li tissaħħaħ l-unjoni ekonomika u monetarja.

L-implimentazzjoni tal-prinċipji li jinsabu fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandha tkun appoġġata bl-allokkazzjoni ta' riżorsi adegwati li jżidu l-opportunitajiet ta' impjieg, speċjalment lil dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal miżuri preventivi u għall-iżgurar li jkunu integrati l-istrateġiji.

Sabiex jinbnew swieq tax-xogħol aktar dinamiċi, l-investiment fil-ħiliet u f'għodod adegwati effiċjenti hu kruċjali. Hu importanti li jinżamm bilanċ bejn taħriġ u edukazzjoni vokazzjonali, ir-responsabilitajiet tal-individwi u ta' min iħaddem.

Fl-istess waqt, hu meħtieġ bilanċ adatt bejn miżuri ta' suq tax-xogħol attiv u livelli adegwati ta' protezzjoni soċjali, ibbażat fuq approċċ multidimensjonali, inkluż sett flessibbli ta' miżuri f'konformità mal-ispeċifiċità soċjoekonomika ta' kull Stat Membru.

Il-ħolqien ta' aktar impjieg u impjegi aħjar hu wkoll wieħed mill-oġġettivi prinċipali tal-Istrateġija Ewropa 2020. F'dan il-kuntest, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjieg, inkluż il-Linji Gwida dwar l-Impjieg u l-programmi tagħha, tfasslet biex tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjieg, il-mobbiltà tal-ħaddiema u l-progress soċjali. L-Istrateġija Ewropa 2020 dalwaqt tasal fit-tmiem, u b'hekk l-UE teħtieġ tirrifletti dwar it-triq 'il quddiem. B'mod partikolari, teħtieġ timmassimizza s-sinerġiji bejn il-politiki tal-UE u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Sadanittant, l-Istati Membri għandhom ikomplu jimplimentaw il-politiki bil-għan li jżommu livell ottimali ta' impjieg permezz tal-ħolqien ta' impjegi ġodda, jippreservaw l-impjegi eżistenti u jżidu l-impjegabbiltà ta' min hu qiegħed kif ukoll billi jtejbu u jadattaw il-ħiliet tagħhom għar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol lokali.

Fil-kuntest tad-dinja l-ġdida tax-xogħol, fejn il-ħajjiet tax-xogħol qed jitwalu, għandhom jitfasslu politiki soċjali u tal-impjieg aktar diversi u mobbli għar-realtà l-ġdida, sabiex jippermettu lill-ħaddiema jakkwistaw il-ħiliet korretti, u b'hekk jitrawwem l-aċċess għal impjegi differenti (jiżguraw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol). Fl-istess waqt, teħtieġ ukoll is-salvagwardja jew saħansitra t-titjib tal-livell ta' protezzjoni soċjali fil-kuntest ta' forom ġodda ta' impjieg. Tali sistemi jeħtieġ li jiġu adattati għall-kapaċità tal-ħaddiema u ta' min iħaddem biex jikkontribwixxu għall-mudelli ġodda tal-impjieg u jridu jieħdu kont tad-dinamiki u l-projezzjonijiet demografiċi. Id-drittijiet akkwistati ta' protezzjoni soċjali għandhom ukoll ikunu preservati fil-każ ta' transizzjoni bejn sitwazzjonijiet tax-xogħol differenti f'konformità mal-prattiki nazzjonali.

Fl-istess waqt, numru akbar kif ukoll diversifikazzjoni akbar ta' impjegi jikkostitwixxu elementi importanti għar-rispons għall-isfidi rigward il-qgħad li jippersisti fil-livell tal-UE. Jeħtieġ investiment addizzjonali biex jiġu stimolati t-tkabbir u l-iżvilupp ta' ambjent favorevoli għall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità, kemm bl-implimentazzjoni ta' programmi għall-iżvilupp tal-intraprenditorija kif ukoll bit-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol.

Il-bidliet li għaddejjin fil-mudelli tal-impjieg qed ibiddlu wkoll il-bilanċ tar-responsabilitajiet bejn min iħaddem u l-ħaddiema. F'xi każijiet, x'aktarx jiżdiedu r-responsabilitajiet tal-ħaddiema rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom stess. Irrispettivament mill-bidliet fl-istruttura tal-impjieg, kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol iridu jkunu żgurati għal kulħadd.

Suq uniku funzjonanti huwa wieħed li jimpurtah ukoll mill-implikazzjonijiet soċjali tar-riformi meħtieġa għall-ispinta lill-impjieg u t-tkabbir u għat-tiħih tal-kompetittività.

Fil-kuntest ta' dawn ix-xejriet ġodda Ewropej, jeħtieġ li jiġu identifikati modi ġodda għall-promozzjoni ta' relazzjonijiet tax-xogħol affidabbli u flessibbli, kombinati ma' appoġġ adegwat matul it-transizzjonijiet, waqt li jkun hemm l-għan li tiġi evitata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol kif ukoll li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-riskji soċjali.

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jikkunsidraw il-kwistjonijiet li ġejjin:

- 1. Liema azzjoni tista' tittieħed fil-kuntest tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għal kollegament aħjar bejn il-politiki tal-impjieg u tal-protezzjoni soċjali?*
- 2. Liema strumenti (ġodda) huma meħtieġa fil-livell Ewropew sabiex jissaħħu l-inizjattivi nazzjonali u lokali għall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità li jwasslu għal tkabbir inklużiv?*
- 3. Abbażi tal-esperjenza miksuba fiċ-ċikli tas-Semestru Ewropew, liema riformi huma meħtieġa għall-ġlieda effettiva kontra l-qgħad?*